**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 25 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Lian Arena**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Lian Arena, ta' 32 sena, iben Joseph u Rose nee' Dalli, imwieled il-Pieta' nhar it-18 ta' Jannar, 1988 u residenti fil-fond 139, Triq Tumas Chetcuti, Attard u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 68088 (M).

Akkuzat talli:

1. Talli f'dawn l-ahhar jiem gewwa Malta u f'dawn il-Gzejjer assocja ruhu flimkien ma' persuna ohra bil-ghan li jaghmel delitt jew delitti f'Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija u li ma' kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa skond artikolu 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Aktar talli nhar l-22 ta' Lulju, 2020 ghal habta ta' 08:00hrs ta' filghodu fi Triq il-Wied, Birkirkara u/jew vicinanzi, irrenda ruhu komplici fid-delitt ta' serq ta' flus kontanti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija Izibet u/jew ta' persuna/i skond artikoli 42(d), 261(c), 267, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi iddenunzjat lil Pulizija Ezekuttiva reat li ma' sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar skond l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali kwazi netta ta'l-imputat u l-fatt li l-flus misruqa gew rifuzi kwazi kollha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 48A, 42(d), 261(c), 267, u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sentejn priguneriјa li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erbgha snin**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex **fi zmien sitt xhur ihalla lis-socjeta Izibet is-somma ta' elfejn Euro (€2,000)**.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk jikkkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin u jekk ma jhallasx is-somma indikata fiz-zmien sitt xhur.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**